

Brussell, 7 ta' Ġunju 2022
(OR. fr)

Fajls Interistituzzjonali:

2021/0239(COD)

2021/0240(COD)

2021/0241(COD)

2021/0250(COD)

9697/1/22
REV 1

EF 150
ECOFIN 524
DROIPEN 76
ENFOPOL 312
CT 103
FISC 124
COTER 138
CODEC 832

RAPPORT

minn:	Il-Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu (AML/CFT) - Rapport dwar l-istat tad-diskussjonijiet

Il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu (AML/CFT)

Rapport dwar l-istat tad-diskussjonijiet

1. B'segwitu għall-ħidma mibdija mill-presidenza Slovena, il-presidenza Franċiża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għamlet in-negozjati dwar il-pakkett kontra l-ħasil tal-flus waħda mill-prijoritajiet tagħha, bil-ħsieb li jsir progress simultanju fit-testi kollha li qed jiġu diskussi, jiġifieri:

- ir-Regolament li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea ġdida għall-Ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLAR);
- ir-Regolament li jfassal mill-ġdid ir-Regolament dwar it-Trasferimenti ta' Fondi (TFR);
- ir-Regolament dwar l-Obbligi Kontra l-Ħasil tal-Flus applikabbli għas-Settur Privat (AMLR);
- id-Direttiva dwar Mekkaniżmi Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLD6).

2. Il-presidenza Franċiża ffukat l-isforzi tagħha fuq ir-Regolament li jistabbilixxi l-AMLA sabiex f'konformità mal-konklużjonijiet tal-5 ta' Novembru 2020 tippermetti l-istabbiliment ta' aġenzija li tikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni u l-koordinazzjoni ta' prattiki superviżorji fis-settur finanzjarju u dak mhux finanzjarju, is-superviżjoni diretta ta' entitajiet finanzjarji riskjużi u transfruntiera u l-koordinazzjoni ta' unitajiet tal-intelligence finanzjarja. Il-presidenza tittama li sa tmiem is-semesteru tikseb mandat għal negozjati dwar l-akbar parti possibbli minn dan it-test.
3. Dwar ir-Regolament dwar it-trasferiment ta' fondi (TFR), il-presidenza tmexxi t-trilogi f'konformità mal-mandat għal negozjati adottat taħt il-presidenza Slovena. Il-pożizzjonijiet tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew huma allinjati mal-hteġa li jiġu applikati rekwiżiti ta' trasparenza b'saħħithom għat-trasferimenti ta' kryptoassi mill-ewwel euro. Il-presidenza qed taħdem fuq is-suġġetti l-oħra biex issib kompromessi bilanċjati dwar it-talbiet addizzjonali tal-Parlament. Permezz ta' dawn il-kompromessi, ir-rekwiżiti għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, li huma kemm b'saħħithom kif ukoll proporzjonati, f'konformità mar-Rakkomandazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) ser ikunu jistgħu jiġu rikonċiljati ma' livell għoli ta' protezzjoni tad-data f'konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR). Dan l-approċċ għandu wkoll jibqa' kompatibbli mal-iżvilupp ta' settur ekonomiku dinamiku u kompetittiv li jwassal għall-innovazzjoni u mal-attraenza tat-territorju Ewropew. Sa tmiem il-presidenza mistenni li jkun sar progress fit-trilogu.
4. Dwar ir-Regolament AML (AMLR), il-presidenza ppruvat tistabbilixxi l-pedament għal diskussjoni sostantiva koerenti u effettiva li għandha tiġi segwita mill-presidenza Ċeka. Ingħatat attenzjoni partikolari lill-elementi fundamentali tar-Regolament, jiġifieri l-armonizzazzjoni tad-definizzjonijiet u d-definizzjoni preċiża tal-kamp ta' applikazzjoni tal-entitajiet marbutin b'obbligu. Il-presidenza ffukat ukoll fuq kwistjonijiet tekniċi relatati mal-kontroll intern u l-obbligi ta' tmexxija ta' grupp, fejn sar progress tajjeb fuq il-kompromessi tekniċi.
5. Dwar id-Direttiva AMLD6, il-presidenza ffukat l-isforzi tagħha fuq kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji tal-UE, is-sanzjonijiet u l-miżuri korrettivi li jistgħu japplikaw, analiżijiet konġunti u skambji ta' informazzjoni bejn Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja u ma' awtoritajiet oħra, kif ukoll is-setgħat ta' sospensjoni ta' Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja. Dawn id-diskussjonijiet kumplessi ser ikollhom jitkomplew taħt il-presidenza Ċeka.